

Brussell, 11 ta' Settembru 2026
(OR. en)

13076/26
ADD 1

PROBA 27
DEVGEN 148
FORETS 125
ENV 1062
WTO 91

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	11 ta' Settembru 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 454 annex
Suġġett:	ANNESS tar- Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-parteċipazzjoni fin-negozjati għal ftehim internazzjonali jew strument ieħor li jissostitwixxi l-Ftehim Internazzjonali dwar l-Injam Tropikali ADDENDUM

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2026) 454 annex.

Mehmuż: COM(2026) 454 annex



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 11.9.2026
COM(2026) 454 final

ANNEX

ANNESS

tar-

Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill

**li tawtorizza l-parteeċipazzjoni fin-negozjati għal ftehim internazzjonali jew strument
ieħor li jissostitwixxi l-Ftehim Internazzjonali dwar l-Injam Tropikali**

ADDENDUM

ADDENDUM

DIRETTIVI GĦAN-NEGOZJAR TA' FTEHIM INTERNAZZJONALI ĠDID DWAR L-INJAM TROPIKALI

1. Il-Kummissjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, għandha tagħmel hiliitha biex tikseb eżitu nnegozjat komprensiv, li jiġbor fih l-oġġettivi u l-prinċipji deskritti hawn taħt.
2. Ġenerali

Il-ftehim il-ġdid jenħtieġ li jistabbilixxi qafas u istituzzjoni internazzjonali għall-Partijiet tiegħu biex jippromwovu l-kummerċ internazzjonali tal-injam tropikali minn foresti ġestiti b'mod sostenibbli u maħsuda legalment, id-diversifikazzjoni tal-prodotti kkonċernati, it-trasparenza tas-suq u ġestjoni sostenibbli tal-foresti li jipproduċu l-injam tropikali.

3. Mandat u nomenklatura

Il-kamp ta' applikazzjoni tal-ftehim il-ġdid jenħtieġ li jkun identiku jew simili għall-kamp ta' applikazzjoni tal-ITTA tal-2006. Iż-żidiet fil-kamp ta' applikazzjoni jenħtieġ li jiġu ġġustifikati sew u jkunu jevitaw kemm jista' jkun id-duplikazzjoni ma' strumenti jew proċessi internazzjonali oħra.

Il-ftehim il-ġdid jenħtieġ li jafferma l-funzjoni tal-ITTO bħala qafas internazzjonali li jiffaċilita, jappoġġa u jippromwovi l-kummerċ tal-injam tropikali minn foresti ġestiti b'mod sostenibbli u maħsuda legalment, kif ukoll it-trasparenza tas-suq relatata.

Il-ftehim il-ġdid jenħtieġ li jiżgura l-kontribut tal-ITTO għall-aġenda u l-għanijiet dinjin tal-foresti. Dan jenħtieġ li jrawwem ukoll sinerġiji ma' strumenti u oġġettivi internazzjonali oħra relatati mal-foresti u jevita duplikazzjoni jew trikkib bla bżonn.

Il-ftehim il-ġdid jista' jinkludi dispożizzjonijiet li jiddiżattivaw jew iwaqqfu temporanjament l-attivitajiet operazzjonali jekk xi sehem tal-kummerċ tal-injam tropikali tal-membri attivi u kontribwenti jinżel taħt livell limitu partikolari.

In-negozjati jenħtieġ li jikkunsidraw l-alternattiva li l-oġġettivi tal-ITTO jilħquhom xi strumenti alternattivi, eż. mhux ibbażati fuq it-Trattat, jekk ikun xieraq.

4. Effiċjenza u effettività fil-governanza tal-ITTO

Il-ftehim il-ġdid jista' jiġi negozjat taħt l-awspiċċi tal-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp (UNCTAD) jew mudell alternattiv ta' governanza diment li l-oġġettivi jkunu jistgħu jintlaħqu b'mod effiċjenti u kosteffettiv.

Bħall-ITTA attwali, il-ftehim il-ġdid jista' jistabbilixxi diversi Kumitati u jenħtieġ li jipprevedi wkoll li l-ITTC ikollu s-setgħat li jistabbilixxi Kumitati ġodda jew ixolji daww eżistenti.

Il-ftehim il-ġdid jista' jkollu skadenza ċara, jipprevedi rieżami perjodiku tal-funzjonament tiegħu iżda ma jistabbilixxi l-ebda limitu fuq l-għadd ta' estensjonijiet. It-tul taż-żmien massimu ta' estensjoni individwali jenħtieġ li jiġi ddeterminat fil-ftehim il-ġdid u jista' jkun bejn 10 u 15-il sena.

Il-ftehim il-ġdid jenħtieġ li jinkludi dispożizzjonijiet għal emendi possibbli. Iżda jenħtieġ li l-ftehim il-ġdid ma jkunx faċli wisq li jiġi emendat, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-membri.

Il-ftehim il-ġdid jenħtieġ li jħalli l-flessibbiltà għall-ottimizzazzjoni tal-frekwenza tal-ITTCs.

Il-ftehim il-ġdid jenħtieġ li jinkludi dispożizzjonijiet li jippermettu formati ta' laqgħat virtwali jew ibridi.

Id-dispożizzjonijiet għall-ġestjoni finanzjarja tal-finanzjament rilevanti jenħtieġ li jiżguraw l-effiċjenza u t-trasparenza u jnaqqsu kemm jista jkun ir-riskju ta' ġestjoni ħażina jew abbuż tar-riżorsi.

5. Sistema ta' votazzjoni u kontribuzzjonijiet ivvalutati

Il-ftehim il-ġdid jenħtieġ li jinkludi dispożizzjonijiet adegwati li jħeġġu lill-Partijiet iħallu l-kontribuzzjonijiet ivvalutati tagħhom.

Il-ftehim il-ġdid jenħtieġ li jistabbilixxi kworum għat-teħid tad-deċiżjonijiet u jinkludi dispożizzjonijiet ta' salvagwardja adegwati biex jindirizzaw sitwazzjonijiet meta fl-ITTC ma jkunx hemm kworum.

Il-ftehim il-ġdid jenħtieġ li jkollu l-għan li jevita polarizzazzjoni bla bżonn bejn partijiet produttori u partijiet konsumaturi, filwaqt li jippromwovi approċċ ekwu u kooperattiv.

6. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-ftehim il-ġdid ikun fih dispożizzjonijiet xierqa li jippermettu lill-Unjoni tkun Parti għalih.

7. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tagħmel hilita biex tiżgura li l-ftehim il-ġdid ikun konsistenti mal-leġiżlazzjoni u mal-politiki rilevanti tal-Unjoni, kif ukoll mal-impenji tal-Unjoni skont ftehimiet multilaterali rilevanti oħra.

8. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tmexxi n-negozjati f'konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni fis-seħħ.